Qorti tal-Appell

(Kompetenza Inferjuri)

Imhallef Anthony Ellul

Appell numru: 34/2015

**Elmo Insurance Limited kif surrogata fid-drittijiet tal-assigurat taghha Alexander Fenech ghan-nom u in rapprezentanza ta Percius Services Limited u l-istess Alexander Fenech ghan-nom u in rapprezentanza ta' Percius Services Limited (appellanti)**

**Vs**

**Joseph Bartolo (appellat)**

14 ta' Lulju, 2017.

1. Il-kaz jitratta dwar incident tat-traffiku li sehh fit-30 ta' Jannar, 2014 fit-8.15 am mar-roundabout ta' Regional Road. Il-vettura tal-atturi nizlet Regional Road mid-direzzjoni ta' San Giljan filwaqt li l-vettura misjuqa mill-konvenuta kienet harget minn Sliema Road, Gzira.

2. L-atturi appellaw minn decizjoni tat-Tribunal tal-Arbitragg tas-16 ta' Novembru, 2015 fejn gie ddikjarat li l-incident sehh tort tal-konvenut fi proporzjoni ta' zewg terzi (2/3) u terz (1/3) htija tax-xufier tal-vettura Toyota Vitz CBT 205.

3. L-atturi appellaw mid-decizjoni tat-Tribunal tal-Arbitragg. L-aggravju tal-atturi hu li l-incident sehh unikament tort tal-konvenuta ghaliex il-vettura li kien qieghed isuq harget minn fuq Give Way Sign u habtet fil-vettura li kien qieghed isuq Paul Karl Scerri (Toyota CBT 205). L-atturi jsostnu li:

   i. Ir-*roundabout user* ghandu d-dritt ta' precedenza fuq vetturi illi jkunu gejjin mill-give way sign. Ix-xufier tal-vettura tal-appellanti kien ir-*roundabout user*.
   ii. L-obbligu tal-*proper look out* u li jaghti precedenza huwa primarjament in vista tal-fatt li sabiex jaghmel il-manuvra, il-konvenut kellu jinvadi l-karreggata tar-roundabout user.

4. Fid-decizjoni tat-Tribunal tal-Arbitragg jinghad li:

i. Il-kollizjoni kienet *"dak li popolarment tissejjah bewsa bejn zewg vetturi. Ma kienx hemm sewqan qawwi minn ebda wiehed mis-sewwieqa u kulhadd kien ghaddej kemm kemm jitharrek"*.

ii. Il-vettura tal-atturi kellha d-dritta. Pero' dan ma jfissirx li x-xufier ta' dik il-vettura kellu d-dritt li jibqa' *"jippressa akkost ta' kollox. Dak is-sewwieq irid jara dak li huwa in plain view ghalih u cerament illi ladarba l-kollizzjoni grat bil-ponta ta' quddiem tal-vettura assigurata mas-socjeta rikorrenti mal-wara tal-vann misjuq mill-intimat illi l-istess van kien fuq il-quddiem tal-vettura tas-socjeta rikorrenti u kwindi kull ma kellu jaghmel dak is-sewwieq niezel minn St Andrews huwa li jwaqqaf il-vettura u jhalli lill-istess van tghaddi minn quddiemha"*.

iii. Ghalkemm ix-xufier tal-vettura tal-atturi qal li ma rax il-vettura tal-intimat, dik il-vettura kienet imdaqqsa u facilment vizibbli.

iv. Ebda wiehed mix-xufiera ma ta kaz tal-principju ta' sewqan b'mod prudenti.

v. Fic-cirkostanzi z-zewg sewwieqa jahtu ghall-incident. Peress li d-dritta tat-triq kienet tax-xufier tal-vettura assigurata mal-attrici, isegwi li l-konvenut ghandu jerfa' 2/3 mir-responsabbilta filwaqt li x-xufier l-iehor ghandu jgorr 1/3 tar-responsabbilta.

5. Hu evidenti li Paul Karl Scerri ma kienx qieghed izomm a *proper lookout*. Il-qorti ma tistax tinterpreta mod iehor il-kliem ta' dan ix-xufier:

   *"Rajt lill-vettura l-ohra l-ewwel darba meta dahal fija u kieku rajtha qabel kont incedilha biex tghaddi qabli. Ma rajthiex gejja mill-Gzira"*.

   Il-qorti taqbel mal-Arbitru li mehud in konsiderazzjoni d-daqs tal-vann tal-konvenut (Toyota Hi-Ace), dan altru milli kien vizibbli.

6. Ghalkemm Paul Karl Scerri xehed, *"il-vettura li dahlet fija qabad u qasam ghal fuq il-lemin tieghi u b'hekk saret il-habta"*, jirrizulta li kienet il-vettura tieghu li habtet fuq il-parti ta' wara tal-vettura li kien qieghed isuq il-konvenut (ara Traffic Accident Report u ritratti tal-hsara li garrbu l-vetturi).

7. Mill-iskizz li ghamel il-warden li nvestiga l-kaz, hu evidenti li l-incident ma sehhx fit-tarf ta' Sliema Road. Hu evident li minn fejn hemm il-*give way sign*, il-konvenut saq diversi metri qabel ma sehh l-incident. Fil-fatt hu evidenti wkoll li kien diga' qieghed jimmanuvra mar-roundabout fuq in-naha ta' barra sabiex jitla' t-telgha tal-Kappara. Ghalhekk Paul Karl Scerri ma kienx l-uniku *roundabout user*.

8. L-iskizz ma jikkoraborax il-verzjoni li Scerri ta lil warden, cjoe' *"Kont gej minn mar roundabout u sejjer direzzjoni lejn l-Universita il-van gie min warajja qalani u kiser xellug minn quddiemi"*. Li kieku Scerri kien sejjer fid-direzzjoni tal-Universita l-vettura tieghu ma kinitx tidher fil-posizzjoni li tidher fl-iskizz (vettura ta' Scerri hi dik markata bl-ittra A). Jidher anzi li l-vettura Toyota Vitz kienet ukoll qeghda ddur mar-roundabout u mhux hierga mir-roundabout biex tmur fid-direzzjoni tal-Universita. Mill-istess skizz lanqas ma jidher verosimili li l-vettura misjuqa mill-konvenut kisret *'xellug minn quddiemi'*.

9. Hu minnu li Scerri jidher li ma jaqbilx mal-iskizz li sar mill-warden li nvestiga l-kaz. Fil-fatt huwa ta l-verzjoni tieghu billi pinga l-vetturi bil-kulur ahmar fuq l-iskizz li hejja l-warden. Pero' mhuwiex kredibbli li l-vetturi kienu fil-posizzjoni li pingihom Scerri, in kwantu ma taqbilx mal-verzjoni li ta lil warden li *"il-van gie min warajja qalani"*. Pero' f'dik il-posizzjoni mhuwiex verosimili li l-vettura tal-konvenut giet minn wara t-Toyota Vitz, izda pjuttost li qasmet it-traettorja tal-vettura li kien qieghed isuq Scerri. Cirkostanza din wkoll mhux probabbli meta tikkunsidra li l-vann tal-konvenut intlaqat fuq il-ponta ta' wara (ara *Traffic Accident Report*).

10. Maghmula dawn il-konsiderazzjonijiet m'hemm xejn li jista' jikkonvinci lill-qorti li ghandha tilqa' l-appell tal-atturi.

**Ghal dawn il-motivi tichad l-appell bl-ispejjez kontra l-atturi.**

Anthony Ellul.